**PARROĊĊA TA’ SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
**3 ta’ Jannar, 2021**

**L-2021** Deħlin għal sena ġdida. Bil-possibbiltà li nagħmlu xi għażliet ġodda. Li nerġgħu lura għall-imħabba li tlifna, li wegħedna. Fil-bidu ta’ sena ġdida għandna l-possibbiltà li nieħdu riżoluzzjoni biex inħaddmu xi ħaġa tajba.

Importanti li fis-sena l-ġdida nimxu ’l quddiem. Il-ħajja kollha tagħna hija mixja. Qegħdin nistennew b’ħerqa li fis-sena 2021:

- Nieħdu l-vaċċina biex ninkwetaw ftit inqas dwar saħħitna u dwar saħħet l-għeżież tagħna;
- Inkunu nistgħu nżuru nies li ilna mifrudin minnhom, noħorġu niddevertu barra u nsiefru bla biża’;
- Nimmarkaw it-tieġ u nagħmlu l-festa titulari, u affarijiet oħra li jġibu l-ferħ.



Dawn l-affarijiet aktarx li kollha jkunu jistgħu jseħħu, imma ma jiddependux għalkollox minna.

Mill-banda l-oħra dwar fejn se tkun qalbna, fejn se nkunu fl-ispirtu u jekk inħallux lill-Ispirtu ta’ Kristu jmexxina Hu, dan kollu minna biss jiddependi. Jekk irrid, jien u naqra dal-ħsieb nista’ nagħmel sinjal taħt l-aħħar jum tas-sena l-qadima u nibda kapitlu ġdid fl-2021. Ġesù Kristu jridni ngħix l-”issa” li silifni. Il-mument ta’ issa huwa wieħed ta’ grazzja. M’hemm l-ebda Covid-19 li jista’ jżommni milli nagħmel għażliet drastiċi u kuraġġużi fil-qalb tiegħi. Donnu li l-ewwel tas-sena jagħtina spinta psikoloġika extra sabiex nirritornaw għall-ħajja li ħallejna, jew biex nibdew esperjenzi umani u spiritwali għall-ewwel darba. Il-Mulej jgħinna biex ngħixu skont l-Ispirtu ta’ Kristu.

*Is-Sena t-Tajba lil kulħadd!*

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRA:

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 8 ta’ Jannar, fl-4.00pm.

**L-GĦOTI TAD-DEMM:** l-ewwel sessjoni se tinżamm dan il-Ħadd, 3 ta’ Jannar mit-8.00am sas-1.00pm fil-Berġa tax-Xewkija. Huwa importanti li dawk li jersqu biex jagħtu d-demm ikollhom magħhom il-karta tal-identità/liċenzja tas-sewqan/passaport Malti. Possibbilment iħajru oħrajn jagħtu d-demm huma wkoll.

**NIRRINGRAZZJAW** lil dawk kollha li għenu u taw sehemhom fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Avvent, in-Novena u l-Milied. Il-Mulej ibierek lil kulħadd.

**NIFIRĦULHOM:** fit-23 ta’ Diċembru ttellgħet il-lotterija għal dawk li kitbu fis-salib tad-deheb u l-inċiżjoni tat-titular tal-parroċċa. Is-salib intrebaħ minn Monica Azzopardi li hija mix-Xagħra u l-inċiżjoni ntrebħet minn MaryGrace Mercieca li hija parruċċana. Nirringrazzjaw lil kull min ħa l-biljetti għax b’hekk għentuna f’mument meta kellna bżonn. Fuq kollox nirringrazzjaw lil Maria Attard li biegħet il-biljetti biex tgħin il-ħidma tal-Knisja fil-komunità tagħna.

***MA’ ALLA FIL-ĠNIEN:*** min irid jixtri kopja ta’ dan il-ktejjeb, jista’ jkellem lil Fr Mark jew jiġi fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**RAM U BRONŻ:** dawk li għandhom minn dawn il-metalli, forma ta’ wajers u vitien tal-kċina, tal-btieħi u tad-doċċa mkissrin, jistgħu jħalluhom wara l-bieb tal-Uffiċċju Parrokkjali. Kull laqxa tirfed l-imramma.

**KOTBA TAL-LIBRERIJA:** id-direzzjoni tal-librerija pubblika tan-Nadur titlob lil dawk kollha li ssellfu l-kotba biex iġibuhom mill-aktar fis possibbli. Dan sabiex min jagħmel użu mil-librerija jkun jista’ jissellef dawn il-kotba hu wkoll. Grazzi tal-koperazzjoni.

**SENA ĊENTINARJA - 12:** Permezz tal-Manwal tiegħu, il-Leġjun ta’ Marija jesprimi l-fedeltà sħiħa mal-Knisja tant li jagħmel referenza kbira għad-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, għall-Maġisteru u jikkwota wkoll għadd kbir ta’ papiet.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am